

L-elezzjonijiet tal-UE: Kemm-il Membru tal-PE se jirċievi kull pajjiż tal-UE fl-2024?

In-numru tal-Membri tal-PE eletti fl-2024 se jiżdied. Skopri n-numru l-ġdid ta' Membri tal-PE għal kull pajjiż wara l-elezzjonijiet Ewropej.

F'Settembru 2023, il-Membri tal-PE approvaw id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li jiżdied [l-għadd ta' siġġijiet tal-Parlament Ewropew](#) bi 15 għal 720 għal-leġislatura 2024–2029.

Il-proposta tal-Kunsill Ewropew kienet ibbażata fuq rapport mill-Parlament li jirrakkomanda ż-żieda ta' 11-il siġġu.

Siġġijiet għal kull pajjiż għall-elezzjonijiet tal-2024 tal-Parlament Ewropew

Kif jiġi deċiż l-għadd ta' Membri tal-PE għal kull pajjiż?

Il-liġi tal-UE tippermetti massimu ta' 750 Membru tal-PE, flimkien mal-President. In-numru ta' siġġijiet għal kull pajjiż jiġi deċiż qabel kull elezzjoni Ewropea.

Id-distribuzzjoni tas-siġġijiet tqis id-daqs tal-popolazzjoni tal-Istati Membri kif ukoll il-ħtieġa għal livell minimu ta' rappreżentanza għaċ-ċittadini Ewropej minn pajjiżi iżgħar. Dan il-prinċipju ta' "proporzjonalità digressiva", li huwa mnaqqax fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ifisser li filwaqt li pajjiżi iżgħar għandhom inqas MEPs minn pajjiżi akbar, il-Membri tal-PE minn pajjiżi akbar jirrapreżentaw aktar nies mill-kontropartijiet tagħhom minn pajjiżi iżgħar.

In-numru minimu ta' siġġijiet għal kull pajjiż huwa ta' sitta u l-massimu huwa 96.

Aqra aktar dwar [kif jaħdmu l-elezzjonijiet Ewropej](#)